MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 377/2002/1

**Stella Maris Rakban f'isimha u ghan-nom ta' uliedha minuri Hmoud, Jacob u Michela, ahwa Rakban.**

**vs**

**Hussam Rakban.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici Stella Maris Rakban, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 16 t'Ottubru 1997 (Dok. "A"), fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice, isseparat minn zewgha l-konvenut Hussam Rakban;

Illi skond il-kuntratt fuq imsemmi, l-konvenut obbliga ruhu li jhallas bhala manteniment lill-konvenuti martu u t-tlett

uliedu s-somma ta’ Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) fix-xahar;

Illi l-konvenut naqas li jhallas lil martu u lit-tlett uliedu l-manteniment hawn fuq imsemmi ghall-perjodu minn Marzu 1998 sa Marzu 2002 ammontanti ghal Lm7,350 (sebat elef, tlett mija u hamsin lira Maltin);

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ sebat elef, tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm7,350), *oltre* imghax legali, manteniment dovut kif fuq inghad.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 11 tal-process;

Rat it-talba tas-7 ta’ Marzu 2002 fejn l-attrici talbet li tkun ammessa ghall-beneficcju gratuitu;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Marzu 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba u assenjat lir-rikorrenti bhala difensuri l-Avukat Dr. Victor Scerri u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno ta’ l-elenku li lilhom imiss it-turn;

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, bil-procedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f’gazzetta lokali, huwa baqa` ma pprezenta l-ebda nota t’eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat il-verbali tal-15 t’Ottubru 200 fejn Dr. Victor Scerri talab li n-notifika ssir ai termini ta’ l-artikolu 187 (3) u ddikjara li l-konvenut ghadu Malta; il-Qorti laqghet it-talba; tas-7 ta’ Jannar 2003; ta’ l-4 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza

giet differita biex issir il-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali wahda u ghan-notifika bil-procedura ta' l-affissjoni; tat-3 t'April 2003 fejn l-attrici ddikjarat li m'ghandhiex izjed provi bl-affidavits x'tipprezenta; tas-17 ta' Gunju 2003; u tas-17 ta' Gunju fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum.

Rat in-nota ta' l-attrici tas-6 ta' Frar 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess;

Rat in-nota ta' l-attrici tas-17 ta' Frar 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-avviz li deher fil-gazzetta lokali tat-8 ta' Frar 2003;

Rat ir-rikors ta' l-attrici tat-12 ta' Marzu 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tiddifferixxi s-smigh tal-kawza ghal data aktar tard;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti rrizervat li tipprovdi seduta stante;

Rat in-nota ta' l-attrici tad-29 ta' Mejju 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' Ludgarda Mifsud;
Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha stess tghid:-

*"Illi jiena sseparajt minn zewgi Hussani Rakban permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 16 ta' Ottubru 1997 fl-atti tan-Nutar Dr. Marthese Felice. Jiena gejt afdata bil-kura u l-kustodja tat-tlett ulied minuri. Hussam Rakban obbliga ruhu li jhallas retta alimentari ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm 150);*

*Illi f'Marzu 1998, minghajr ebda raguni valida, Hussam Rakban waqaf ihallas il-manteniment u baqa' jirrifjuta li jaghmel dan;*

*Illi huwa ma baqax f'kuntatt mieghi u ma kienx qalli fejn kien mar joqghod. Kultant zmien huwa kien icempel lit-tfal, jigi jarahom u johroghom ftit;*

*Illi minn informazzjoni li kelli huwa kien sahansitra telaq minn Malta u qata' kull kuntatt m'uliedu;*

*Illi xi zmien wara jien kont avvicinata mid-Dipartiment tal-Politika Socjali fejn infurmawni li jien ma kontx se nkun intitolata ghall-assistenza socjali minhabba li ma bdejtx proceduri kontrih.*

*Illi l-istess Dipartiment infurmani li zewgi kien qieghed Malta u fil-fatt ftit wara huwa rega' tfacca u beda jaghmel telefonati lil uliedu u kultant johroghom ftit. Izda huwa baqa' ma taghnix l-indirizz tieghu u qatt izjed ma hallas manteniment dovut lili u lil uliedi.*

*Illi meta wiehed jikkalkula l-ammont dovut minn zewgi bhala manteniment li ma thallasx sa meta giet intavolata din il-kawza, is-somma hija ta' (Lm7,350) sebat elef, tliet mija u hamsin Lira Maltin."*

Illi fl-affidavit taghha **Ludgarda Mifsud** tghid:-

*"Illi fis-16 ta' Ottubru 1997 fl-atti tan-Nutar Dr. Marthese Felice binti Stella Maris Rakban isseparat minn ma' zewgha Hussam Rakban u giet affidata bil-kura u l-kustodja tat-tlett uliedhom minuni.*

*Illi f'Marzu 1998, minghajr ebda raguni valida, Hussam Rakban li fil-kuntratt tas-separazzjoni kien obbliga ruhu li jhallas ir-retta elimentari ta' (Lm15O) mija u hamsin liri Maltin fix-xahar, naqas li jaghmel dan, u ghaldaqstant binti kellha tapplika ghall-ghajnuna socjali ghaliha u ghal uliedha minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.*

*Illi Hussam Rakban qata` kull kuntatt ma' binti u mal-familja taghna u bqajna qatt ma nafu fejn joqghod. Minn zmien ghal zmien dan baqa` biss jaghmel xi telefonati lil uliedu, sahansitra anke minn barra minn Malta.*
*Illi matul dawn l-ahhar hames snin ghal diversi drabi binti kienet tipprova tiehu passi legali kontra zewgha Hussam Rakban, kif kien jitlobha d-Dipartirnent tas-Sigurta` Socjali, pero' xorta wahda fi Frar ta' l-2002 binti Stella Maris Rakban kienet giet infurmata minn dan id-Dipartiment li ser titwaqqfilha l-ghajnuna socjali ghaliha u ghal uliedha.*

*Illi minn Marzu 1998 sa llum ghadna ma nafux ir-residenza ta' l-imsemmi Hussam Rakban u dan baqa` qatt ma hallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt tas-Separazzjoni lil binti u lil uliedha."*

## ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li tigi kanonizzata kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' sebat elef, tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm7,350) rapprezentanti arretrati tal-manteniment dovuti mill-konvenut abbazi ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 16 t'Ottubru 1997 fl-atti tan-Nutar Marthese Felice li jinsab esebit a fol. 5 tal-process bhala Dok "A".

Illi fil-fatt l-**artikolu 4** ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni jipprovdi li mid-data tat-twelid tat-tielet tarbija il-manteniment li kellu jhallas il-konvenut lill-attrici ghaliha u ghall-istess uliedha kellu jkun ta' mija u hamsin lira (Lm150) fix-xahar, liema manteniment ma kellux jigi varjat lanqas jekk l-introjtu jew il-paga tal-konvenut tizdied jew tonqos minn dik li kellu fid-data tal-kuntratt u lanqas jekk l-attrici jkollha ntrojtu separat; gie stipulat ukoll li tali pagament mensili ta' alimenti kellu jithallas bil-quddiem permezz ta' *standing order* ma' bank lokali u l-flus jigu depozitati f'kont bankarju f'isem l-attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li b'effet minn Marzu 1998 il-konvenut waqaf ihallas tali manteniment u baqa' jirrifjuta li

jaghmel dan tant li giet istitwita din il-kawza fl-4 t'April 2002.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-ammont ta' manteniment dovut huwa b'effett minn Marzu 1998 sad-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni (bla pregudizzju ghall-ammonti ulterjuri dovuti mill-prezentata tac-citazzjoni lill' hinn) u dan jammonta ghal alimenti ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) fix-xahar ghall-perjodu ta' erba' snin u xahar, li jtellghu l-ammont globali ghas-somma ta' seba' t'elef tlett mija u hamsin lira Maltin kif effettivament rikjesta mill-attrici.

Illi ghalhekk jidher li t-talba attrici hija gustifikata u fi kwalunkwe kaz il-fatti minnha esposti ma jidhru bl-ebda mod li gew opposti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talba attrici** biss kif hawn premess b'dan illi:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici *prorprio et nomine* s-somma ta' sebat elef, tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm7,350), bl-imghax legali mill-iskadenzi rispettivi tar-rati ta' manteniment mensili sa' l-effettiv pagament, u dan abbazi tal-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni datat 16 t'Ottubru 1997 fl-atti tan-Nutar Dr Marthese Felice.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------